**Omm u bint**

Sebħet il-ġurnata
Tant mistennija,
Omm u bint ferħana
Flimkien għalenija;
Se jħallu kollox warajhom
Mhu se jkun hemm ħadd għajrhom.

Arahom, deħlin f'ġenna
Kollha lwien u palm,
Qegħdin f'poeżija
Jistgħu jiktbu Salm;
Li bih ifaħħru minn qalbhom
Lil Missierhom li ħalaqhom.

U wasslu ħerqana
Fil-ġenna mżejna,
U tmattru għall-għodwa
Madwarhom ġnejna;
Li tagħthom ħajja hekk ġdida
Qed iħossuhom ħadida.

Ikel, xorb u mistrieħ
U l-jum malajr tar,
Imma fihom trabbiet
Il-qawwa tan-nar;
Li għaqdithom u għaġniethom
Fl-imħabba ħelwa kebbsithom.

Kelma wara l-oħra
Bejn id-daħk u d-dmugħ;
Issuktat taħdita
Li fejqet ir-ruħ.
Tibżax, mistrieħa ħafna jħossuhom
Id-dwejjaq tagħhom telquhom.

X'ħin sar filgħaxija
Sarilhom il-ħin,
Qabdu lkoll ħwejjiġhom
Kienu ferħanin.
Xi ġrajja ħelwa, t'omm li int
Tħabbeb issa, ma dik il-bint.

Patri Mario Attard OFM Cap
12 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.